- *solidarjeta` f'każ ta' ħsara inflitta dolożament*
- *preskrizzjoni: bidu tad-dekorriment fil-każ ta' vittma minorenni*
- *danni psikoloġiċi*
- *danni morali fil-liġi Maltija*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 ta' Jannar, 2021.**

**Rikors Ġuramentat Nru. 373/2008GM**

**Joanna Hili ID Nru 301489M**

**vs**

**John Martin**

**Derek Lee D'Amato**

**u b'digriet tat-30 ta' Settembru 2010 ġew kjamati in kawża Lee Martin, Emanuel Theuma u Jurgen Debattista**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu wara li pprermettiet illi:

> Kellha relazzjoni sesswali mal-konvenut John Martin u dana meta kienet għadha minorenni liema att sesswali ġie reġistrat permezz ta' *video camera* ad insaputa tagħha.
>
> Il-konvenuti kienu parteċipi sabiex din ir-reġistrazzjoni ġiet riprodotta fuq diversi CDs u ġirata minn ħanut ta' DVDs.
>
> L-aħbar ta' din iċ-ċirkolazzjoni ta' CDs illi fihom urew lill attriċi f'atti sesswali ma' John Martin issarfet f'esperjenza devastanti speċjalment meta kopja ta' din is-CD intbagħtet id-dar tagħha;
>
> Il-konvenuti John Martin u Derek Lee D'Amato instabu ħatja mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali illi ġibdu filmati indiċenti ta' persuna taħt l-eta' u qassmu l-istess filmat kif ukoll li nnegozjaw l-istess materjal;
>
> Sussegwentement l-attriċi sofriet danni psikoloġiċi kbar ta' natura personali permanenti kif ser jirriżulta mis-smiegħ u it-trattazzjoni ta' din il-kawża; u psikoloġika.

Talbet lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi a kawza ta' l-aġir tal-konvenuti l-attriċi sofriet danni ta natura personali permanenti u psikoloġiċi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv u l-konvenuti inġunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' John Martin li permezz tagħha eċċepixxa illi:-

Qabel xejn illi huwa ġie notifikat biss bir-rikors iżda mhux bid-dokument anness ma l-istess rikors JH1.1, anke jekk l-Artiklu 157 tal-ikap 12 jimponi fuq l-attur illi jinnotifika kul document li jkun anness mar-rikors.

Fit-tieni lok illi l-Artikolu 156(7) jistipula ċar illi …l-Qorti ma għandha tħalli lil ebda xhud jinġieb sakemm dan ma jkollux ismu mniżżel flimkien mar-rikors ġuramentat, u l-istess provvediment ikompli jistipula ili l-Qorti tista' taċċerta zidiet ta' xhieda mhux dikjarati biss meta l-ħtieġa għall-produzzjoni ta' xhud tinqala' wara li jkun ġie ppresentat ir-rikors ġuramentat – ħaġa li mhux il-każ hawnhekk peress illi definittivament illi x-xhud mitlub Dr Anthony Debono, kien be magħruf lill-attriċi meta hija intavolat dawn il-proċeduri.

L-iskop tal-liġi huwa ċar – dak illi x-xhieda magħrufa jkunu dikjarati qabel għall-aħjar prosegwiment ta' kawża u sabiex parti f'kawża ma jkunx jista' jibqa' jżid xhieda *in eternum* u *ai infinitum* u jekk il-Qorti f'dan il-każ taċċetta li jinstema' xhud illi kien ben magħruf lill-attriċi meta hija intavolat dawn il-proċeduri, allura l-istess Onorabbli Qorti tkun qed tmur kontra l-ħseb stess tal-leġislatur.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenut l-ieħor Derek Lee D'Amato li eċċepixxa:

1. fl-ewwel lok fir-rikors promotur ma hemm l-ebda talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbilita' ta' l-esponent dwar l-akkadut.
2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost m'għandu ebda responsabilita' ċivili di fronte ta' l-attriċi ta' dak li ġara, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors u t-trattazzjoni ta' din il-kawża, peress li fost oħrajr iċ-ċirkolazzjoni ta' dan id-DVD ma kienx jiddependi minnu, u f'ebda ħin ma kien komparteċipi għalih.
3. Illi bla preġudizzju għas-suespost Joanna Hili triq tipprova illi meta hi volontarjament kellha relazzjoni ma' John Martin, ma kinitx taf

li fil-fatt kien qiegħed jittieħed dan il-video; altrimenti l-esponent zgur ma jistax jwieġeb għad-danni minnha sofferti. Tenut kont li ta' tnax-il sena diġa jidher li kien qed ikollha relazzjonijiet sesswali, huwa indikattiv wkoll, illi l-imsemmija ma kinitx estranea għal dawn it-tip ta' sitwazzjonnijiet.

4. Ili l-parteċipazzjoni ta' l-esponent kienet biss waħda miniminali, m'għandha x'taqsam xejn ma' l-atti mwettqa minn John Martin, il-konvenut l-ieħor; u l-anqas kien jaf min huma l-persuni li kien hemm fil-video, u ebda ħsieb ma kellu li jikkawża xi danni lil xi ħadd fil-kument ta' reġistrazzjoni, tant li l-anqas kien rah.
5. Illi fi kwalunkwe każ, l-attriċi triq tipprova d-danni sofferti peress li huwa inkoċepibbli li d-danni li qed tirreklama permezz ta' l-azzjoni odjerna  jistgħu jissussistu fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti minn ġurisprudenza lokali, u għalhekk anke f'dan ir-rigward, l-azzjoni ma tistax tkun sorretta.
6. Salvi risposti jew eċċezzjonijiet oħra.

Rat li b'digriet tat-30 ta' Settembru 2010 ġew imsejjħin fil-kawża Lee Martin, Emanuel Theuma u Jurgen Debattista.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' l-imsejjaħ fil-kawża Jurgen Debattista li eċċepixxa illi:-

1. M'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika ma l-attriċi u ċertament ma huwiex il-leġittimu kontradittur fil-konfront tat-talbiet minnha avvanzati.

2. L-azzjoni attriċi hi ukoll preskritta fil-konfront tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili.

3. Id-danni hekk pretiżi mill-attriċi huma tax-xorta morali u għal dawn il-liġi tagħna ma tipprovdiex riżarċiment.

4. F’kull każ l-eċċipjenti ma huwiex responsabbli għad-danni allegatament subiti mill-attriċi.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-imsejjaħ fil-kawża Lee Martin li eċċepixxa illi:

1. L-attrici trid tindika fuq liema artiklu tal-ligi hi qed tibbaża l-kawża tagħha.

2. L-attrici trid tindika d-data ta’ meta allegatament sehh dak indikat minnha fir-rikors guramentat tagħha.

3. L-azzjoni odjerna hi preskritta fil-konfront tieghu u dan ai termini tal-artiklu 2154 tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Mhux il-legittimu kontradittur f’din il-kawża.

5.It-talbiet fil-konfront tiegħu għandhom jiġu miċħuda stante li huma infondati fil-fatt u fi dritt hekk kif ser jirriżulta waqt il-kawża.

6. Mhuwiex responsabbli ghad-danni allegatament subiti mill-attriċi.

7. Qatt ma kellu relazzjonijiet intimi mal-attrici u qatt ma kkawza ebda danni lilha b’xi aġir tiegħu.

8. M’għandux ibati l-ebda spejjeż tal-kawża odjerna.

Rat ir-rapport mediku ta’ Dr. Peter Muscat, perit mediku minnha maħtur tas-17 ta’ Novembru 2011.

Rat ir-rapport mediku tal-periti perizjuri maħluf fis-sena 2020 u r-risposti tagħhom in eskussjoni.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Innutat li f’xi żmien il-proċess oriġinali ntilef u ġie rikostruwit iżda milli jidher mhux kompletament.

***Fatti***

Ikkunsidrat:

Jirriżulta, anke mill-ammissjonijiet rispettivi tagħhom in sede penali, u s-sentenzi sussegwenti, esibiti fil-proċess, li l-konvenuti u l-kjamati fil-kawża kienu kompliċi fl-iffilmjar tal-attriċi f'attivita` sesswali meta kienet għadha minorenni u fid-distribuzzjoni tal-film lil terzi. Għalhekk il-fatti kif esposti mill-attriċi fil-premessi tar-Rikors Guramentat tagħha huma sostanzjalment ippruvati.

***L-ewwel eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża Jurgen Debattista***

Ikkunsidrat:

M'hemmx dubbju li l-allegazzjoni fit-talbiet attriċi li l-kjamat fil-kawża kien parteċipi fid-delitt li seħħ għad-dannu tagħha jirrendih leġittimarju passiv għal dawn it-talbiet. Naturalment dan ma jfissirx li t-talbiet fil-konfront tiegħu sejrin jintlaqgħu.

***It-tieni eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża Jurgen Debattista u t-tielet eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża Lee Martin - preskrizzjoni***

Id-digriet għas-sejħa fil-kawża sar fit-30 ta' Settembru 2010.

Huwa minnu dak li jissottometti Jurgen Debattista fl-istess nota li fiż-żmien meta ġie kommess ir-reat, it-tlett akkużi kontrih (Art. 208A, u Art. 208 Kod. Krim.) fil-proċeduri kriminali kienu jġorru piena ta' priġunerija b'massimu ta' 6 xhur. Il-perjodu ta' preskrizzjoni għad-delitti soġġetti għal piena inqas minn sena huma ta' sentejn (Art. 688 Kod. Krim.). Il-

preskrizzjoni tibda miexja minn meta l-attriċi għalqet 18-il sena fit-2 ta' Lulju 2007. Billi kjarament għaddew iktar minn sentejn bejn l-inċident u l-ftuħ ta' din il-kawża, din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sejra tintlaqa'.

Għalhekk m'hemmx għalfejn jiġu ttrattati l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-kjamat fil-kawża, anke jekk fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ressaq punti tabilħaqq interessanti fir-rigward tad-danni mhux pekunjarji fis-sistema legali tagħna.

***Responsabilita` u solidarjeta`***

Il-konvenuti u kjamat fil-kawża jeċepixxu li għalkemm ammettew l-akkużi fil-proċeduri kriminali, dan għamluh għall-fini ta' patteġġjament, u jkomplu jġibu raġunijiet l-għala m'humiex responsabbli għall-kontribut tagħhom fir-reati in kwistjoni. Din il-Qorti ma tistax taċċetta argumenti bħal dawn. Sa minn żminijiet bikrija fl-istorja tad-dritt proċesswali, l-ammissjoni dejjem tqieset bħala r-reġina tal-provi, li toħroġ minn ħalq il-konvenut u jekk tkun volontarja tiddispensa lill-Qorti milli tfittex provi oħrajn. F'dan il-każ l-ammissjoni kienet dwar l-akkużi kollha (għajr l-ewwel akkuża kontra John Martin). Ikun eżerċizzju mill-iktar ċiniku li l-Qorti tinjora dawn l-ammissjonijiet magħmulin deliberatament fil-proċeduri kriminali. Għall-istess raġuni ċertament l-ebda wieħed minnhom ma jista' validament jasserixxi li m'hemmx ness bejn dak li għamel u l-ħsara li ġarrbet l-attriċi.

Il-konvenuti u l-kjamat fil-kawża jeċepixxu wkoll li mhumiex solidalment responsabbli. F'dan m'għandhom l-ebda raġun, għaliex kontra din il-pretenzjoni hemm il-kliem ċar u tassattiv tal-liġi li "Meta żewġ persuni jew iżjed ikunu dolożament għamlu ħsara, l-obbligazzjoni tagħhom għall-

ħlas ta' dik il-ħsara hija in solidum" (Art. 1049(1) Kod. Ċiv.). Sta għal dawk li kkommettew reat volontarju flimkien li jispartixxu d-danni bejniethom, u mhux għall-vittma.

***Jekk danni psikiċi humiex ta' natura rejali jew morali.***

Il-konvenut D'Amato fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jgħid li d-disposizzjonijiet dwar danni morali kkawżati minn reat kriminali li ma jkunx involontarju daħlu fis-seħħ wara l-kummissjoni tar-reat li ta lok għal din il-kawża; u li l-attriċi ma tilfet l-ebda qliegħ minħabba fih; apparti li ma ġiebet l-ebda prova fir-rigward. Il-konvenut John Martin eċċepixxa li l-attriċi ma tistax titlob kumpens għal danni psikoloġiċi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu sostna, l-istess bħall-konvenut D'Amato, li l-Art. 1045 Kod. Ċiv. dwar danni morali kkawżati minn reat kriminali li ma jkunx involontarju daħal fis-seħħ wara l-inċident.

Il-Qorti taqbel li l-Art. 1045 Kod. Ċiv. ġie ppromulgat wara li seħħ l-inċident u għalhekk ma japplikax għalih għaliex m'għandhiex effett retroattiv. Dan apparti li r-reat irid ikun wieħed kontra l-persuna u soġġett għal mill-inqas tlett snin priġunerija.

Jibqa' iżda l-kweżit jekk indipendentement mill-artiklu preċitat, l-attriċi għandhiex jedd għad-danni psikoloġiċi li qiegħdha titlob fir-Rikors Ġuramentat tagħha.

Hu stipulat fl-Art. 1031 Kod. Ċiv. li "**… kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu".** Dan l-artiklu ma jikkwalifikax x'tip ta' ħsara tista' tkun u għalhekk ma jillimitax id-danni għal xi tipi partikolari ta' ħsara. Partikolarment ma jillimitax il-ħsara għad-danni patrimonjali biss

u għalhekk ma jeskludix tipi ta' danni extra-patrimonjali bħal danni lill-persuna, kemm fiżiċi kif ukoll psikiki, jew danni morali. Adrian Dingli, *conditor* tal-Kodiċi Ċivili, ma jgħidx imnejn ġieb din in-norma. Aktarx ħadha mill-kodiċi ċivili ta' Napuljun, għax tirriproduċiha tista' tgħid kelma b'kelma. Sa minn żmien bikri, anke qabel ma Dingli rrediġa l-opra tiegħu, il-Qorti tal-Kassazzjoni Franċiża stabbiliet li d-disposizzjoni Franċiża kienet ġenerali biżżejjed biex tippermeti l-għoti tad-danni morali. Jidher li Pothier, missier il-kodiċi ċivili Franċiż, kien jinkludi d-danni morali b'konsegwenza tad-*delit.*

L-istess bħal-liġi Franċiża, l-liġi tagħna mkien ma teskludi espressament id-danni extra-patrimonjali.

B'danakollu, mal-Art. 1031 Dingli żied l-Art. 1045 li ma jinstabx fil-liġi Franċiża. Jgħid li siltu mill-Kodiċi Awstrijakk, b'xi tibdiliet. Ma jgħidx x'biddel, iżda jirriżulta li fost oħrajn neħħa l-parti tal-liġi Awstrijakka li f'ċerti każijiet tagħti danni minħabba tbatija.

L-Art. 1045(1) jaqra hekk:

> "**Il-ħsara… hija t-telf effettiv li l-egħmil… jkun ġieb direttament…, l-ispejjeż li (l-vittma) setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem (il-vittma) minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib".**

L-ewwel parti ta' din id-disposizzjoni titratta d-*damnum emergens* u t-tieni parti l-*lucrum cessans.*

Fl-ewwel parti, il-liġi takkorda l-jedd għad-danni għat-"**<u>telf effettiv</u>".** Ma tgħidx xi kwalita` ta' telf hu. Ma tgħidx li hu telf patrimonjali biss. B'danakollu, fil-maġġor parti tas-sentenzi tagħhom, dawn il-Qrati nterpretaw din il-frażi bħala telf materjali jew ekonomiku u xejn iżjed.

**F'Butler v Heard**[1]**, il**-Qorti tal-Appell qalet li "s'issa l-liġi tagħna… tipprovdi għal kumpens għat-telf pekunjarju biss". Din is-sentenza rabtet il-jedd għall-kumpens minħabba menomazzjoni fiżika tal-persuna mat-tnaqqis tal-*industrial efficiency* tagħha u ċjoe` mat-tnaqqis tal-kapaċita` tagħha li taqla' l-flus. Fis-sena 2014, il-Qorti tal-Appell irriaffermat li "danni mhux patrimonjali ma jirriżultax li, fl-isfond tal-liġi Maltija, jistgħu jingħataw".[2] Tal-istess fehma kienet din il-Qorti, in sede kostituzzjonali, f'sentenza li tat fis-sena 2015, **Agius v Avukat Generali**.[3] Is-sentenza ġiet appellata u l-Qorti Kostituzzjonali[4], fil-parti razzjonali, enfasizzat il-ħtieġa li kemm jista' jkun, il-liġi tingħata nterpretazzjoni wiesa biex tkun "konformi" mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Huwa utli li r-raġunament tal-Qorti tal-Appell jiġi riprodott anke jekk permezz ta' silta pjuttost twila:

> "Qabel ma tqis il-meritu tal-aggravju l-Qorti sejra tagħmel xi osservazzjonijiet ta' natura ġenerali dwar id-danni non-pekunjarji taħt il-liġi ordinarja.
>
> "Qabel xejn għandu jingħad illi l-Art. 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili, li fuqhom huwa msejjes l-argument illi ma jingħatawx danni non-pekunjarji taħt il-liġi ordinarja, għax dawk l-artikoli jaħsbu biss għal damnum emergens u lucrum cessans, jinsabu fit-tieni Sub-sub-titolu (§II) tas-Sub-titolu tnejn (II) tat-Titolu erbgħa (IV) tat-tieni (II) Taqsima tat-tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili: Fuq id-Delitti u Kważi-delitti. Għalhekk jolqtu biss id-danni ex delicto u mhux dawk minn għejjun oħra ta' obbligazzjonijiet.
>
> "Issa fil-każ tallum Carlos Chetcuti kien taħt il-kustodja tad-Direttur tal-Ħabs u għalhekk ir-relazzjoni bejniethom aktar għandha min-natura ta' relazzjoni kuntrattwali jew, għall-inqas,

[1] Michael Butler v Peter Christopher Heard 22.12.1967 Qorti tal-Appell
[2] Linda Busuttil v Dr Josie Muscat 27.06.2014 Qorti tal-Appell
[3] Jane Agius v L-Avukat Generali 15.01.2015 Qorti Civili Prim'Awla Gurisdizzjoni Kostituzzjonali, Onor. Imħ. Lorraine Schembri Orland
[4] Jane Agius v L-Avukat Generali 14.12.2015 Qorti Kostituzzjonali (Onor. Giannino Caruana Demajo Agent President, Onor. Tonio Mallia, Onor Noel Cuschieri)

billi ma kinitx kunsenswali, ex lege, milli relazzjoni ex lege aquilia. Għalhekk, is-saħħa tal-argument imsejjes fuq l-Art. 1045 u 1046 jonqos ħafna.

"Tassew illi, bi ftit eċċezzjonijiet, il-ġurisprudenza tgħid illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili ma jagħtux danni non-pekunjarji jew morali.

"Dan ma hux għax hemm disposizzjoni tal-liġi positiva li espressament tivvjeta d-danni morali iżda għax il-qrati, influwenzati x'aktarx mis-sentiment favor debitoris, adottaw interpretazzjoni x'aktarx stretta u riġida tal-Art. 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu, il-liġi ċivili ma għandhiex tiġi interpretata in vacuo bħallikieku fl-interpretazzjoni tal-liġi ċivili l-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili ma għandhomx iqisu wkoll il-prinċipji kostituzzjonali u d-drittijiet fondamentali. Tassew illi, fejn hemm konflitt irrikonċiljabbli bejn il-liġi ċivili u dik kostituzzjonali jew il- Konvenzjoni, huma l-qrati ta' ġurisidizzjoni kostituzzjonali li għandhom is-setgħa li jgħidu illi dik id-disposizzjoni tal-liġi ċivili għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett bejn il-partijiet fil-kawża. Fejn, iżda, hija possibbli "interpretazzjoni konformi" mal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni, il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili għandhom, bla ma b'hekk ikunu qegħdin jusurpaw setgħat li ma humiex tagħhom, jinterpretaw il-liġi ċivili ordinarja b'mod "konformi" mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni flok jagħżlu inter-pretazzjoni li toħloq konflitt u hekk joħolqu sitwazzjoni anti-kostituzzjonali li tista' tiġi rimedjata biss wara kawża kostituzzjonali u jqiegħdu wkoll lill-istat Malti fi stat ta' ksur tal-obbligi internazzjonali tiegħu taħt il-Konvenzjoni."

Minkejja dan ir-raġunament, fil-parti deċiżiva tas-sentenza, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-fehma tal-ewwel Qorti.

Hemm xi sentenzi ta' din il-Qorti diversament ippreseduta li rrikonoxxew espliċitament ir-rimedju tad-danni morali. Per eżempju:[5]

[5] Dr. Joseph Pace v Prim Ministru 01.06.2012; Mario Gerada v Prim Ministru 14.11.2012 (appellata); Linda Busuttil v Dr. Joseph Muscat 30.11.2010

(1) **Linda Busuttil v Josie Muscat**. F'din il-kawża, l-attriċi marret f'St James Clinic għal intervent bil-laser biex jitnehhewlha vini miksura li kellha f'wiċċha. Il-laser intuża b'mod qawwi żżejjed. Ikkaġuna ħruq fil-ġilda ta' wiċċha u ħalla marka permanenti. L-attriċi ma ressqet l-ebda prova ta' telf patrimonjali.

> "It-telf li ġarrbet l-attriċi, iżda, ma huwiex biss patrimonjali.
>
> "L-attriċi ġarrbet ħsara f'ġisimha u, minħabba f'hekk, ukoll fil-psike tagħha. L-integrità psiko-fiżika tal-persuna hija valur imħares kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill- Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal- Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u kif ukoll mill- Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea ["il- Karta"], li fl-art. 3 – "Id-dritt għall-integrità tal-persuna" – para. 1 tgħid hekk: "Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-integrità fiżika u mentali tagħha.". Din il-Karta, skond l-art. 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, "għandha jkollha l-istess valur legali bħat-Trattati", u għalhekk il-qrati maltin, għalkemm il-Karta nfisha japplikawha direttament biss "meta jkunu [qegħdin] jimplimentaw il-liġI tal- Unjoni"[32], huma marbuta illi jinterpretaw il-liġijiet ta' Malta b'mod konformi.
>
> "L-art. 1033 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk dwar id-danni li għandu jħallas min bi ħtija tiegħu jagħmel ħsara lil ħaddieħor:
>
>> 1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġI, hu obbligat għall- ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.
>
> "Fid-dawl ta' dak li għidna fuq dwar l-interpretazzjoni konformi, il-"ħsara li tiġri" ma tistax aktar tiġi interpretata bħallikieku tfisser biss ħsara patrimonjali iżda għandha tiġbor il-ħsara kollha, ukoll dik mhux patrimonjali bħal ma hija l-ħsara lill-ġisem meta tolqot l-integrità fiżika tal- persuna. L-istess għandu jingħad għat-"telf effettiv" imsemmi fl-art. 1045(1) tal-KodiċI Ċivili. Wara kollox, u wkoll bla ma nqisu dak li tgħid il-Karta, il-liġI tad-delitti ċivili ta' pajjiż ewropew tas-Seklu XXI ma tistax tkompli tħalli bla rimedju lil min iġarrab ħsara fil-valuri fondamentali tal- ħajja. L-attriċI, bi ħtija tal-konvenuti, ġarrbet ħsara fl- integrità tal-persuna tagħha u għalhekk il-konvenuti huma obbligati għall-ħlas ta' din il-ħsara, kif

> igħid u jrid l-art. 1033 tal-KodiċI Ċivili moqri fid-dawl tal-art. 3.1 tal-Karta.
>
> "Il-ħsara mhux partimonjali, min-natura stess tagħha, u fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet leġislativi li jirregolaw il- quantum, ma tistax tiġI likwidata jekk mhux arbitrio boni viri wara lil-qorti tqis il-fatturi kollha li ssemmew fuq. Wara li qieset dan kollu, il-qorti tillikwida d-danni mhux patrimonjali li ġarrbet l-attriċI fis-somma ta' ħamest elef euro (€5,000)."

Iżda kif  rajna, din is-sentenza ġiet appellata u l-Qorti tal-Appell ma qablitx li seta' jingħata kumpens għal danni morali.

(2) **Pace v Prim Ministru**[6]: Akkordat €20,000 danni "ultra patrimonjali" jew "dannu eżistenzjali"[7] lill-Professur Anthony P. Jaccarini li kien l-uniku Professur li ma ġiex re-integrat fil-kariga tiegħu bħala professor tal-Farmaċija u Kap tad-Dipartiment tal-Farmaċija wara l-istrajk tat-tobba li kien sar fis-snin sebgħin għall-umiljazzjoni li għadda minnha.

(3) **Cassar v Dragonara**:[8] Il-vittma weġġħet ma' *slot machine*. Sofriet danni materjali kif ukoll psikoloġiċi tant li ma setgħetx twelled b'mod naturali. Il-Qorti tatha €8,000 għal "danni eżistenzjali" apparti danni oħra għal *damnum emergens* u *lucrum cessans*.

(4) **Gerada v Prim Ministru:**[9] Akkordat €10,000 stabbiliti *arbitrio boni viri* "għall-konsegwenzi psikoloġiċi u umiljazzjoni" sofferti minn ners li ġie inġustament imkeċċi mix-xogħol tiegħu mad-Dipartiment tas-Saħħa.

---

[6] Dr. Joseph Pace v Prim Ministru 01.06.2012, Prim'Awla, Imħ. Silvio Meli
[7] kliem użat mill-Qorti li tat is-sentenza
[8] Lucianne Cassar v Dragonara Casino Limited 19.06.2012 Prim'Awla, Imħ. Silvio Meli
[9] Mario Gerada v L-Onor. Prim Ministru 14.11.2012 Prim'Awla – per Onor. Silvio Meli

B'mod ġenerali, il-Qrati tagħna ikkunsidraw il-menomazzjoni kemm fiżika kif ukoll psikika bħala produttiva ta' nuqqas ta' kapaċita` lavorattiva u għalhekk evitaw li jiddeċiedu espressament dwar il-kwistjoni tad-danni extra-patrimonjali. Per eżempju:

(1) Għalkemm il-Qorti tal-Appell m'aċċettatx, f'**Busuttil v Muscat**, li l-liġi tippermetti l-għoti tad-danni morali, qalet li anke jekk jista' jitgħatta bil-make-up, id-difett f'wiċċha kien "goff u jagħti fil-għajn, u dan żgur, ftit jew wisq, jista' jeffettwalha l-possibilitajiet ta' xogħol jew opportunitajiet rimuneratorji oħra." Iċċitat lil **Zerafa v Sacco** li ddeċidiet li ħsara fil-wiċċ mhux ħsara morali iżda fiżika li tista' tħalli "konsegwenzi kemm fiżiċi kif ukoll psikoloġiċi"; "l-estetika umana fejn ċertament l-apparenza għandha l-valur tagħha rejali, u wkoll vitali lli jvarja skont in-natura tax-xogħol…apparti konsiderazzjonijiet oħra rilevanti dwar il-kwalita` ta' ħajja ta' dak li jkun." L-attriċi f'Busuttil v Muscat kienet mara tad-dar iżda l-Qorti tal-Appell xorta qieset li ġarrbet dannu patrimonjali abbażi ta' 3% diżabilita` ċċertifikata mill-esperti mediċi.

(2) Fil-każ **Vassallo v Zahra**, l-attur, li kien bejjiegħ tal-ħaxix, intlaqat minn karozza. Sofra ġrieħi fl-irkoppa u fix-xoffa, li ma kinux ta' natura funzjonali. Ix-xoffa kellha tiċrita li ma tidhirx. It-tobba sabu diżabilita` medika ta' 3% iżda l-Qorti akkordat 1% skont il-*weighted average*. Hija ċċitat ġurisprudenza fis-sens li anke jekk l-attur baqa' jagħmel xogħlu bħal qabel, u dan għaliex ġie prekluż milli jagħmel xogħol ieħor li kieku ma korriex.[10] Qalet li l-fatt li ġerħa m'għandhiex effett funzjonali ma jfissirx li ma jingħatax kumpens.[11]

[10] Magro v Busuttil 09.12.1982 Prim'Awla(sebgha tan-nofs parzjalment amputat) – prinċipju aċċettat mill-Qorti tal-Appell in re: Gatt v Carbone 07.07.1998; Debono v Vaswani 03.10.2003 Prim'Awla li ċċitat ġurisprudenza anterjuri

[11] iċċitat lil Galea v Galea 28.04.2003 Prim'Awla li fiha l-vittma kellu tiċrita f'widnejh b'riżultat tal-inċident.

(3) F’**Borg Falzon v Enemalta** l-attur sofra ġrieħi serji f’partijiet ta’ ġismu kif ukoll sofra depressjoni mentali reattiva u paranoja akuta aċċentwati mill-uġiegħ li beda jbati. Il-Qorti qalet li:

> “Rigward id-debilita` psikika hu ormai pacifiku fil- gurisprudenza taghna li d-debilita psikika hija daqstant reali bhal dik li teffettwa fizikament il-gisem. Dwar dan, il- Qorti tal-Appell fil-kaz "Peter Sultana -v- Anthony Abela Caruana - (dec. fil-15 ta' Jannar 2002) osservat hekk:
>
> "Fi kliem iehor, ukoll jekk is-sintomi tal-attur ghandhom aktar mill-“psikologiku” milli mill-“organiku”, xorta huma sintomi li tassew ihallu effett fuqu, fuq is-setghat tieghu, fuq il-mod kif ihares lejh innifsu u, ghalhekk, fuq il-kapacità tieghu li jahdem u li jimxi ’l quddiem fix-xoghol tieghu. Ihallu, ghalhekk ukoll, effett fuq dak li jinteressana f’din il- kawza: is-setgha tieghu li jaqla’ l-flus. Dawn is-sintomi nholqu minhabba l-incident, u ghalhekk kien l-incident il-kawza diretta tat-telf li qed igarrab l-attur."

Kjarament, dawn il-Qrati fid-diversi sentenzi li ppronunzjaw, mogħtija skond iċ-ċirkostanzi partikolari – u varjati - ta’ kull każ qiesu, b’eżerċizzju ta’ ġustizzja u sens komun, li ħsara psikika mhix ħsara “morali” imma rejali daqs il-ħsara purament fiżika u li daqstant ieħor twassal għal tnaqqis mill-potenzjal sħiħ tal-persuna li timmassimizza l-qliegħ tagħha fil-futur. Ċertament, il-ħsara psikika jistħoqqilha kumpens iktar mill-ħsara fiżika minima li ma tħalli l-ebda effett funzjonali, la psikiku u lanqas fuq il-ħajja lavorattiva.

Għalhekk ikun eżerċizzju purament akkademiku li l-Qorti tikkunsidra jekk il-liġi tagħna tippermettix l-għoti ta’ danni għal ħsara ta’ natura extra-patrimonjali. Anke jekk dan ikun eżerċizzju mportanti għat-tutela iktar wiesa u dinjitużа tal-persuna umana meta milquta minn azzjonijiet ta’ natura akwiljana.

***Applikazzjoni tal-prinċipji legali għall-fatti ta' din il-kawża***

Ikkunsidrat:

F'din il-kawża, l-attriċi ġiet eżaminata mill-ewwel perit mediku ħames snin wara l-inċident u mill-periti perizjuri disa' snin wara r-rapport tal-ewwel perit mediku. Filwaqt li l-ewwel perit sab debilita` psikoloġika permanenti ta' 30%, il-periti addizzjonali waslu għal persentaġġ ta' 6%.

Id-differenza fil-persentaġġi tista' tiġi verosimilment spjegata għall-fatt li b'xorti tajba l-attriċi rnexxielha tegħleb ħafna mit-trawma kerha li għaddiet minnha tant li bniet relazzjoni stabbli ma' persuna oħra u wkoll kellha tarbija minnha u għandha mpjieg regolari.

Tenut kont li l-inċident seħħ meta l-attriċi kienet għadha minorenni, sejra tieħu multiplikand ta' 40 sena.

Fin-nuqqas ta' prova li kienet taqla' iktar, il-Qorti sejra tieħu bħala bażi l-paga minima nazzjonali li fit-2006 kienet ta' €7,010.88 fis-sena. Din il-paga bejn wieħed u ieħor togħla bi €135.41 fis-sena. Li jfisser li l-paga tal-attriċi tiżdied b'€5,416 għal €12,427.28. Il-medja tiġi €9,719.08. Aġġustat bl-inflazzjoni jiġi €13,606.88. Għalhekk:

€13,606.88 x 40 sena x 6% = €32,656.51

Din il-Qorti, kif ippreseduta, ma tagħtix tnaqqis għal *lump sum payment* billi l-imgħax tal-banek sar negliġibbli. Fil-każ preżenti hemm ukoll il-kunsiderazzjoni li l-inċident ġara 14-il sena ilu.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi illi:

1. Tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont Art. 2154 tal-Kodiċi Ċivili taż-żewġ kjamati fil-kawża Jurgen Debattista u Lee Martin u għalhekk tiċħad it-talbiet tal-attriċi fil-konfront tagħhom.

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u kjamat in kawża l-ieħor in kwantu inkompatibbli ma' din is-sentenza.

3. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi a kawza ta' l-aġir tal-konvenuti John Martin u Derek Lee D'Amato u l-kjamat in kawża Emanuel Theuma l-attriċi sofriet danni ta natura personali permanenti u psikoloġiċi.

4. Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi, fis-somma ta' €32,656.51.

5. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenuti John Martin u Derek Lee D'Amato u l-kjamat in kawża Emanuel Theuma *in solidum* bejniethom iħallsu is-somma hekk likwidata.

Bl-imgħax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż a kariku tal-konvenuti John Martin u Derek Lee D'Amato u l-kjamat in kawża Emanuel Theuma inklużi, fiċ-ċirkostanzi, dawk tal-kjamati in kawża l-oħrajn Jurgen Debattista u Lee Martin.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA